MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru 292/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlo Ellul)**
**(Spt. Carmelo Abdilla)**
**vs**
**Oreste Zammit**
**Christopher Schembri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra –
**Oreste Zammit** ta’ 42 sena, bin il-mejjet Francis u Rita’ nee’ Borg, imwieled Sliema fit-8 ta’ Dicembru, 1964, residenti gewwa Nru. 3, Sqaq is-Salvatur, Sliema u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 18565(M) u;

**Christopher Schembri** ta’ 24 sena, bin Anthony u Jacqueline nee’ Spiteri, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Lulju, 1982, residenti Nru. 57, Triq St. Helen, Sliema u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 362782(M);

1. Talli fit-28 ta’ Lulju, 2006, bejn il-5.28 pm u s-5.50pm ikkommettew serq semplici ta’ zewg [2] fliexken xorb alkoholiku mill-hanut ‘Arnold’s Bottle Locker’, li jinsib fi Triq San Pawl, in-Naxxar, ghad-detriment tas-sur Mario Scerri;

2. Talli fit-30 ta’ Lulju, 2006, ghall-habta tan-12.30pm ikkommettew serq semplici ta’ hames [5] fliexken xorb alkoholiku mill-hanut ‘The bottle Vault’ li jinsab fi Triq ta’ l-Ibragg, is-Swieqi, ghad-detriment tas-sur Mario Scerri;

3. Talli fil-31 ta’ Lulju, 2006, ghall-habta tal-10.00pm ikkommettew serq ta’ xorb alkoholiku mill-hanut ‘Arnold’s Bottle Shop’ li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin, izda mhux l-elf lira Maltin u dan ghad-detriment tas-sur Mario Scerri;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkunu indahlu biex ibieghuhom jew immexxihom.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas t’oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati fuq l-ewwel tlett akkuzi u d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li r-raba’ akkuza hija wahda alternattiva;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk isib lill-imputati hatja fuq l-ewwel, t-tieini u t-tielet akkuza. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba’ akkuza;

Rat l-artikoli 284, 285, 261 (c) (f), 267, 270, 279 u 280 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputati u tikkundanahom ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sena (1) mil-lum, liema terminu

ma jiddekorriex hlief jekk l-imputati/jew wiehed minnhom jikkometti/u rejat iehor punibbli bi prigenerija sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-art. 28A tal-Kap 9;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------